HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Citta' Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 52** **IL-ĦAMIS 9 TA' ĠUNJU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Jeffery Camilleri, Bjorn Azzopardi, Thomas Harmsworth, Simon Vella Gregory, Angelo Briffa u Jason Busuttil (7:05pm).

Il-Kunsilliera Dennis Zammit, Margaret Mercieca, u Ralph Puli kienu skużati minħabba impenji oħra.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**52/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 51**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 51 li nżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 51 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**52/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**52/02/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-ewwel ta' Ġunju li għadda s-Sur Alfred Zerafa rritorna lura fid-Dipartiment tax-Xogħol skont l-

istruzzjonijiet li ħarġu dwar il-ħaddiema tal-gvern issekondati mal-Kunsilli. **DOK 'A'**

Il-Kunsill għalhekk irringrazzja lis-Sur Zerafa tas-servizz li dejjem ta lill-Kunsill. Is-Sindku fisser li issa l-Kunsill se jibda jiffaċċja problemi, speċjalment ta' ndafa, fejn dan il-ħaddiem ta' kuljum kien jitqabbad jagħmel tindif fil-lokalita' f'postijiet fejn ikun sar abbuż bi ħmieġ. Il-Kunsill jittama li jingħata persuna oħra sabiex jitkompla dan ix-xogħol tant meħtieġ fil-lokalita'.

**52/02/02** **Is-Sindku** nforma li x-xogħol tal-uffiċċju tal-*Customer Care* beda nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju. Ix-xogħlijiet se jikkomporendu ftuħ bit-travi bejn iż-żewġt ikmamar, tqegħid ta' *membrane* minħabba umdita', xogħol tad-dawl u għall-*equipment* tal-uffiċċju, tikħil, tqegħid ta' madum, żebgħa tal-uffiċċju, tkomplija tas-suffett bħalma hemm fl-ewwel kamra, twieqi u bibien ġodda, *partition* tal-ħġieġ bejn iż-żewġ uffiċċji, *partition folding door*, *front* office *reception desk u platform*, tlett PC u monitors, xkaffar, *Air condition* għall-uffiċċji, *telephones* u cameras ġodda, tlett siġġijiet tal-uffiċċju, *notice board*, flimkien mal-apparat għall-*fire alarm* u *panic button*. Il-Kunsill ħareġ sejħa għan-numru ta' kwotazzjonijiet dwar dan ix-xogħol. Dan huwa x-xogħol prinċipali li jeħtieġ li jsir f'dawn uffiċini ġodda tal-Kunsill u tad-*Day Centre*. Hu kkalkulat li dan ix-xogħol jieħu sa nofs Awwissu sabiex jitlesta kollu. **DOK 'B'**

**52/02/03** **Is-Sindku** rrefera għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Qormi tal-25 ta' Mejju fejn bil-parteċipazzjoni tat-tliet baned ewlenin u tal-Għaqdiet ta' Ħal Qormi ħarġet attivita' tajba ħafna. Għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ħal Qormi attenda l-Onor Dr. Chris Said, li flimkien mas-Sindku inawgura x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwi ta' San Bastjan u San Ġorġ. Fl-aħħarnett quddiem il-bini tal-Kunsill ingħataw tokens lill-players tal-Under 21 tal-Qormi Football Club li din is-sena telgħu Section 'A' u ċ-ċerimonja spiċċat bid-daqq ta' l-Innu ta' Ħal Qormi.

**52/02/04** **Is-Sindku** nforma wkoll li Triq Pinto ngħatat wiċċ tarmac ġdid u x-xogħol tlesta mingħajr problemi, għas-soddisfazzjon tar-residenti ta' din it-triq. Dan ix-xogħol tkompla ma' dak li sar ġimgħat qabel fi Triq 23 ta' April u l-isqaqien. Is-Sindku nforma li issa jonqos li wara l-festa ta' San Ġorġ jingħata bidu għax-xogħol ta' pavimentar ta' Triq Dun Gwakkin Schembri, wara li tkun mogħtija t-tender għall-pavimentar li jrid jintuża għal dan ix-xogħol.

## 52/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2011

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju
**b)** *Bank Payments* Mejju 2011
**c)** *Petty Cash* Mejju 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju.

Il**-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.
**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Pagamenti għax-xahar ta' Mejju u tal-Petty Cash.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda.
**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**52/04/1 MOZZJONI 124/2011 (V)**

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ippropona li l-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' Ambulanza fil-lokalita' għall-bżonnijiet taċ-ċittadini kollha, matul il-jumejn ta' kull festa, fejn ikun hemm ukoll ħruq tan-nar.

"Nipproponi li għal-lejlet il-Festa u nhar il-Festa ta' San Ġorġ u ta' San Sebastjan il-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza ta' Ambulanza fil-viċinanzi ta' fejn jinħaraq in-Nar, b'dawn il-ħinijiet matul iż-żewġ festi;
Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-11.30p.m. u l-Ħadd - Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m.
L-ispiza għal dan is-servizz hija ta' € 450"

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issuġġerixxa li l-ħin tas-Sibt għandu jitwal b'siegħa sal-12.30am, minħabba li n-nies tkun għadha miġbura għan-nar ta' l-art. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni 124/2011 (V), kif emendata,
"Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-12.30a.m. u l-Ħadd - Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m. L-ispiza għal dan is-servizz hija ta' € 500".

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda

**Ivvutaw Favur it-tmien** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma' vvota kontra u ma' kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-Mozzjoni 124/2011.

**52/04/2** **PERMESSI FIL-ĠRANET TAL-FESTA TA' SAN ĠORĠ**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tad-dokument li kien imħejji sena ilu dwar il-permessi g]all-imwejjed u siġġijiet li jinħarġu mill-Kunsill għall-festa ta' San Ġorġ. **DOK 'D'**

Inġibdet l-attenzjoni li skont regolament 9 - Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet - qed jintalbu permessi lill-Kunsill sabiex jintramaw imwejjed u siġġijiet għal matul il-ġimgħa kollha kif ukoll għal nhar il-festa fit-triq li minnha tgħaddi l-purċissjoni. Il-Kunsill kien mitlub sabiex jindika x'linja se jieħu l-Kunsill dwar dawn it-talbiet, speċjalment meta prattikament l-istess permessi sejrin jintalbu din is-sena wkoll.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ikkummenta billi nnota li dawn l-imwejjed u siġġijiet bħalma ġara fis-snin ta' qabel, jinħarġu ħafna l'barra u jingumbraw il-mixja tal-purċissjoni, u għalhekk issuġġerixxa li tul Triq il-Kbira, dakinhar tal-Ħadd waqt il-purċissjoni, sew waqt il-ħruġ kif ukoll waqt id-dħul tal-purċissjoni, għandu jkun hemm d-deċenza minn min jingħata l-permess, sabiex dawn l-imwejjed u siġġiet jitressqu fil-ġenb sabiex ma jfixklux il-mixja tal-purċissjoni u dan b'mod speċjali fil-parti d-dejqa ta' quddiem iz-zuntier ta' San Ġorġ.

**Il-Kunsill** għalhekk qabel li ma' kull permess li jinħareġ, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jiġbed l-attenzjoni ta' min jitlob il-permess, sabiex dan b'mod responsabbli jwarrab l-imwejjed u siġġijiet u ma joħloq l-ebda tfixkil fil-mixja tal-purċissjoni.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ġibed l-attenzjoni għal-liġi dwar il-bejgħ ta' xorb alkoħoliku, u fisser li l-Kunsill qed joħroġ bħas-soltu l-permessi għall-'mejda bar' skont regolament 10, sabiex minn dawn il-postijiet jinbiegħu biss soft-drinks u ilma, u kull xorb alkoħoliku hu pprojbit li jinbiegħ. Il-Bejgħ ta' xorb alkoħoliku minn barra postijiet liċenzjati, mhux kompetenza tal-Kunsill.

**52/05** ***AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2010***

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-accountant tal-Kunsill sabiex ikompli jispjega r-risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri għas-sena 2010. Id-dokument imħejji kien iċċirkolat lill-Kunsilliera li setgħu jsegwu l-ispjega għall-punti mqajjma mill-udituri u għar-risposta mressqa mill-Kunsill. **DOK 'E 1-2'**

L-*Accountant* tal-Kunsill, is-sur Christian Vella għadda biex jispjega l-kumplament tal-paragrafi li fi-seduta preċedenti tħallew barra mill-ispjega mis-segregtarju eżekuttiv. Dan kienu l-punti mqajjma f'paragrafi 2.3 u 2.4 taħt *Income Account Classification*; Il-Paragrafi 3.1, 3.2, 3.3 taħt *Payroll- Mayor's honoraria*; Il-kumment 3.4 *Tax on mayor and councillors allowances*; Il-paragrafu 6.1, 6.2 u 6.3 dwar *Fixed Assets - Depreciation*; il-kumment 6.4 u 6.5 *Additions to fixed Assets*; Il-

paragrafu 8.1 u 8.2 dwar *Creditors Suppliers statements*; u fl-aħħarnett il-paragrafi 8.6 u 8.7 dwar *Trade and other payables*. Saret spjega ta' kull paragrafu mqajjem mill-udituri u r-risposta tal-Kunsill.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina ppropona l-approvazzjoni** ta' l-ittra lill-Awditur Ġenerali b'risposta għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur.

**Il-Kunsillier Thomas Harsworth** issekonda l-Mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament** approva r-risposta għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur, li sejra tintbagħat skont ir-regolamenti.

## 52/06 MEMOS 45 SA 52

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memos 45 sa 52, li kienu kollha ċċirkulati, u b'mod partikulari għall-memo 52/2011 *European Mobility Week – Car Free Day* 2011, fejn il-Kunsilli qed ikunu mistiedna jipparteċipaw skont id-dokument mehmuż. **DOK 'F 1-8'**

## 52/07 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'G 1-2'**

1. **Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi u t-Tweġiba għall-ittra li ressqu.** Jidher li għal darb'oħra l-mistoqsija li l-Kunsill qed iressaq baqgħet mingħajr tweġiba, u s-Segretarju tal-Għaqda ma ressaq l-ebda informazzjoni dwar ma' min tkellmu u ndikalhom l-approvazzjoni tad-data l-ġdida għall-attivita' Lejl f'Casal Fornaro.

2. **Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi - Summer Music Festival.**

## 52/08 APPLIKAZZJONIJIET DWAR ATTIVITAJIET MILL-GĦAQDIET

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjonijiet li l-Kunsill irċieva dwar is-sejħa li nħarġet għall-attivitajiet organizzati mill-Għaqdiet. F'din is-sejħa li dehret fil-Gazzetta The Malta Independent ta' nhar l-Erbgħa 20 ta' April, 2011, il-Kunsill għamel sejħa għal dawn it-tliet skemi, kif imħejjiha mill-Kunsill:

**Għal Skema 'A' – Attivita' fuq skala Nazzjonali kull sena u żewġ attivitajiet kull sena fuq bażi lokali**, fejn il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jintrabat li joħroġ is-somma ta' € 2000 għal dik l-attivita' li tkun organizzata fuq Skala Nazzjonali u s-somma ta' € 1500 għaż-żewġ

attivitajiet organizzati mill-istess għaqda fuq bażi lokali, matul is-sena, il-Kunsill irċieva tliet applikazzjonijiet:

1. **Mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi**
1a - Festival tal-Qastan,
2a – Qormi Car and Motor Show
2b – Qormi Summer Music Festival

**2. Sezzjoni Żgħażagħ Kumitat Festi Esterni**
1a – Qormi Wine Festival
2a – Lejla Giorgjana
2b – Akkademia Mużiko-Letterarja

**3. Parroċċa San Bastjan**
1a – Festival tal-Ħobż
2a – Pageant tal-Passjoni
3a – Pageant dwar il-Ħajja ta' San Bastjan

**Għal Skema 'B' – Attivita' Waħda fi Tlett Snin fuq skala Nazzjonali u żewġ attivitajiet kull sena fuq bażi lokali**, fejn il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jintrabat li joħroġ is-somma ta' € 2000 lil dik l-għaqda li torganizza Attivita' waħda fi tliet snin fuq bażi nazzjonali u s-somma ta' € 1500 għaż-żewġ attivitajiet kull sena fuq bażi lokali, il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet:

**1. Soċjeta' Filarmonika Pinto, Banda San Bastjan**
1a – Oratorju fuq il-Ħajja ta' San Sebastjan u rabta tal-Qaddis ma' Ħal Qormi fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt.
2a – Fiera tal-Figolli; Esibizzjoni ta' ħelu tradizzjonali marbut mal-Festi tal-Għid il-Kbir
2b – Il-Kultura tal-Milied f'Ħal Qormi – 'Kif nagħmel Presepju?', Wirja ta' Presepju u Kuncert tal-Milied.

**2. Għaqda Qawmien**
1a – Rappreżentazzjoni Teatrali ta' nteress Nazzjonali fl-Oratorju Sagra Familja jew teatru simili f'Ħal Qormi.
2a – Rappreżentazzjoni Teatrali għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira Mqaddsa fl-Oratorju Sagra Familja jew teatru simili f'Ħal Qormi.
2b – irja nhar Ħamis ix-Xxrka u Ġimgħa l-Kbira, fl-Oratorju Sagra Familja jew post ieħor addattat f'Ħal Qormi.

**Għal Skema 'C' – Żewġ attivitajiet kull sena fuq bażi lokali**, fejn Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jintrabat li joħroġ is-somma ta' € 1500 lil dik l-għaqda li torganizza żewġ attivitajiet kull sena fuq bażi lokali kull sena**,** il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda:

**1. Il-Qamħa Qormi Folk Group**
1a – Kontribut Lokali

1b – Ambaxxaturi Denji

**Is-Sindku** nnota li mill-applikazzjonijiet imressqa hemm bilanċ fejn l-għaqdiet taż-żewġ parroċċi u għalhekk ippropona li dawn l-iskemi kollha għandhom jiġu aċċettati mill-Kunsill u wara l-approvazzjoni il-Kunsill jipproċedi biex jagħmel il-kuntratt ta' ftehim.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** staqsa x'tip ta' kontroll hemm dwar dawn l-attivitajiet u jekk id-dati humiex diġa ndikati minn kull għaqda.

**Is-Sindku** fisser li l-kundizzjonijiet kienu mressqa ma' kull applikazzjoni u l-kontroll se jkun li dak li kien applikat u maqbul għandu jiġi organizzat skont il-ftehim. Kull għaqda kienet mitluba tressaq dati għall-attivitajiet li qed tipproponi fl-applikazzjoni.

**Il-Kunsill unanimament** approva dawn l-applikazzjonijiet u qabel li għandhom jitħejjew il-kuntratti ta' Ftehim dwar dawn l-attivitajiet.

**52/09 ITTRA MILL-QORMI HOCKEY NURSERY CLUB**

**Is-Sindku** nforma li kien irċieva korrispondenza mill-Qormi Hockey Nursery Club fejn kien infurmat li l-Qormi U12's kienu rebħu iċ-Championship tal-kategorija tagħhom, kif l-istess għamlu l-U14's u l-U16's. **DOK 'H'**

Il-Club informa li t-team taż-żgħażagħ tal-U16's ġie magħżul sabiex jipparteċipa fil-Youth Festival tal-Hockey f'Settembru li ġej fi Predanovci, is-Slovenia. Is-Sindku fisser li din hija attivita' li għaliha bħala nursery jistgħu jorganizzaw, skont il-ftehim tan-nurseries, u għalhekk bħala attivita' speċjali ta' kull tlett snin hija parti mill-iskema tal-ftehim.

**52/10** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** ikkummenta dwar *feedback* ferm pożittiv li kellu wara s-suċċess tal-Kunsill bir-restawr tal-erba' statwi li sar mill-Kunsill. Il-Kunsillier Busuttil ippropona li l-Kunsill ikompli għaddej b'dan ix-xogħol ta' restawr u jibda jagħmel xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp u s-Salib ta' ħdejh li hemm quddiem il-kappella tal-Vitorja. Għal dan il-għan ippropona li l-Kunsill joħroġ sejħa biex isir dan ix-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp u s-salib, bi tħejjija għas-sejħa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jkun qed jagħmel aktar tard din is-sena sabiex il-Kunsill jingħata fondi għal dan il-għan ta' restawr. Il-Kunsill unanimament approva din il-proposta.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** informa li qed titħejja sejħa għal kwotazzjoni għal xogħol ta' Hardstone madwar l-istatwa ta' San Bastjan.

**52/11 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011 fis-7:00 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:20 ta’ fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)